

**Brussell, 19 ta' Frar 2020
(OR. en)**

6179/20

**TELECOM 19
CYBER 23**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Frar 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 63 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-effettività tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu minn April 2017 sa April 2019

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 63 final.

Mehmuż: COM(2020) 63 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.2.2020
COM(2020) 63 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-effettività tad-Dominju tal-Ogħla Livell
.eu minn April 2017 sa April 2019**

WERREJ

1.	INTRODUZZJONI	2
2.	SOMMARJU EŻEKUTTIV	2
3.	IL-QAFAS LEGALI .EU	3
3.1.	Qafas attwali	3
3.2.	Qafas ġdid	3
4.	IR-REGĠSTRU .EU	3
4.1.	Konformità finanzjarja u kuntrattwali	4
5.	ID-DOMINJU .EU	5
5.1.	Xejriet ġenerali	5
5.2.	Il-marka .eu	5
5.3.	Kummerċjalizzazzjoni u komunikazzjoni	6
5.4.	Il-multilingwiżmu	7
5.5.	L-impatt tal-ħruġ intenzjonat tar-Renju Unit mill-UE	7
6.	FIDUĊJA U SIGURTÀ	8
6.1.	Ismijiet tad-dominju siguri	8
6.2.	Il-mitigazzjoni ta' reġistrazzjonijiet abbużivi	9
6.3.	Il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità	9
6.4.	Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim	10
6.5.	L-istabbiltà, is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju	10
7.	RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI	11
8.	L-IMPATT AMBJENTALI	11
9.	KONKLUŻJONI	12

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jikkonċerna l-.eu ccTLD (Dominju tal-Ogħla Livell tal-kodiċi tal-pajjiż), id-dominju tal-internet tal-Unjoni Ewropea, u l-varjanti tiegħu f'kitbiet oħra, kif amministrat u ġestit mill-organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ EURid (ir-Reġistru Ewropew għad-Dominji tal-Internet) li taġixxi bħala r-reġistru ta' dan id-dominju (minn hawn 'il quddiem ir-“Reġistru .eu”) abbażi ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' servizz mal-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 733/2002 tat-22 ta' April 2002 dwar l-implimentazzjoni tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament .eu”), il-Kummissjoni hija mitluba li kull sentejn tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-effettività tad-dominju .eu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport ikopri l-perjodu ta' sentejn mill-1 ta' April 2017 sal-31 ta' Marzu 2019 (minn hawn 'il quddiem “il-perjodu kopert”).

2. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Bi 3,7 miljun isem tad-dominju rreġistrati, id-dominju .eu baqa' s-seba' l-akbar ccTLD fid-dinja kollha. It-tkabbir staġna matul il-perjodu kopert minħabba l-maturità tas-suq tal-ismijiet tad-dominju. Madankollu, il-prestazzjoni tad-dominju .eu baqgħet ekwivalenti għal dik ta' ccTLDs oħra minkejja tnaqqis sinifikanti fir-reġistrazzjonijiet .eu kkawżat mill-ħruġ intenzjonat tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u s-sospensjoni tal-ismijiet tad-dominju minħabba kontrolli aktar stretti fuq id-*data* tar-reġistrazzjoni.

Ikkonfrontat b'kompetizzjoni dejjem tikber, ir-Reġistru .eu beda jiffoka dejjem aktar fuq il-kwalità tas-servizz u s-sigurtà, aktar milli fuq il-prezz. Dan kien ta' suċċess: ir-rata ta' tiġdid tal-ismijiet tad-dominju .eu baqgħet għolja u fil-perjodu kopert f'dan ir-rapport żdiedet minn 78.6 % għal 80 %.

Barra minn hekk, ir-Reġistru .eu kompla jippromwovi d-DNSSEC¹, estensjoni ta' sigurtà tad-DNS (Sistema tal-Ismijiet tad-Dominji), implimenta miżuri ta' ċibersigurtà, nieda inizjattivi ġodda biex jipprevjeni reġistrazzjonijiet abbużivi, u kkollabora mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ma' awtoritajiet pubbliċi oħra kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew fil-ġlieda kontra attivitajiet illegali li jinvolvu ismijiet tad-dominju .eu. Ir-Reġistru .eu żamm infrastruttura teknika ferm reżiljenti u robusta biex jiżgura li l-ispazju tal-isem .eu jibqa' disponibbli għall-utenti kollha tal-internet.

L-appoġġ għad-diversità lingwistika Ewropea u l-espansjoni tal-multilingwiżmu fid-dominju .eu baqgħu prijorità. Fi tmiem il-perjodu kopert, kien hemm l-istennija li l-istring .ev bil-kitba Griega tista' titnieda fi tmiem l-2019. Dan l-istadju importanti jwassal għat-tlestija b'suċċess tal-isforzi b'appoġġ għall-kitbiet kollha mhux Latini fl-Unjoni Ewropea².

¹ L-Estensjoni tas-Sigurtà tas-Sistema tal-Ismijiet tad-Dominji.

² It-tnedija attwali tal-istring .ev fil-kitba Griega saret fl-14 ta' Novembru 2019, barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport.

B'mod ġenerali, id-dominju .eu għadu jiffunzjona b'mod effettiv, billi jiffaċilita l-aċċess għas-Suq Uniku Diġitali b'mod sigur u affidabbli u jippermetti lill-Ewropej juru l-identità Ewropea tagħhom online.

3. IL-QAFAS LEGALI .EU

3.1. Qafas attwali

Id-dominju .eu ġie implimentat mir-Regolament .eu (kif emendat³), u mir-Regolament (KE) Nru 874/2004 li jippreskrivi r-regoli tal-politika pubblika li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-funzjonijiet tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u l-prinċipji li jirregolaw ir-reġistrazzjoni (kif emendat⁴).

3.2. Qafas ġdid

Fl-2017, il-Kummissjoni evalwat il-qafas regolatorju .eu skont il-proċess ta' rieżami tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) u sussegwentement wettqet reviżjoni. Wara konsultazzjoni pubblika u Valutazzjoni tal-Impatt⁵, u wara li rċeviet rispons pożittiv mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, il-Kummissjoni għamlet proposta leġiżlattiva biex tissostitwixxi r-Regolament(i) .eu eżistenti. Din il-proposta ġiet adottata bħala r-Regolament (UE) 2019/517 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-isem ta' dominju tal-ogħla livell.eu u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 u jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004 (ir-“Regolament .eu rivedut”).

Ir-Regolament .eu rivedut jipprovdi l-flessibilità legali għad-dominju .eu biex jadatta għall-bidliet fis-suq, jimmodernizza l-istruttura tal-governanza tiegħu⁶, u jespandi l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-ismijiet tad-dominju .eu biex iċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jirreġistraw isem tad-dominju, irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom. Ir-Regolament .eu rivedut daħal fis-seħħ fit-18 ta' April 2019. Se jibda japplika mit-13 ta' Ottubru 2022, u li fiha se jitħassru r-Regolamenti 733/2002 u 874/2004, ħliet għad-dispożizzjonijiet li jespandu l-kriterji ta' eliġibbiltà, li japplikaw mid-19 ta' Ottubru 2019.

4. IR-REĠISTRU .EU

Wara proċess ta' sejħa għall-offerti, intgħażlet l-organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ ir-Reġistru Ewropew għad-Dominji tal-Internet (EURid) u fl-2004 ingħatat kuntratt ta' konċessjoni ta' servizz sabiex issir l-operatur tar-Reġistru .eu, responsabbli mill-organizzazzjoni, mill-amministrazzjoni u mill-ġestjoni tad-dominju .eu u l-varjanti tiegħu f'kitbiet oħra. Wara proċess ta' sejħa għall-offerti

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-22 ta' Ottubru 2008.

⁴ Ir-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; Nru 1654/2005 tal-10 ta' Ottubru 2005; Nru 1255/2007 tal-25 ta' Ottubru 2007, Nru 560/2009 tas-26 ta' Ġunju 2009, u Nru 516/2015 tas-26 ta' Marzu 2015.

⁵ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/initiatives/ares-2017-2402460_en.

⁶ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/new-rules-will-boost-eu-governance-and-extend-its-reach>.

ġdid, fl-2014 l-EURid reġgħet ingħatat it-tieni kuntratt. Dan il-kuntratt ġie estiż mill-1 ta' April 2019 sat-12 ta' Ottubru 2022.

L-EURid hija assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, li ġiet stabbilita skont il-liġi Belġjana bl-uffiċċju prinċipali tagħha fi Brussell. Tliet kumpaniji, proprjetà tal-EURid, jaġixxu bħala uffiċċji reġjonali, u dawn huma stabbiliti fl-Italja, fir-Repubblika Ċeka u fl-Iżvezja. Il-missjoni tal-EURid hija li “toħloq spazju .eu ta' fiduċja għall-utent finali b'mod sostenibbli permezz ta' eċċellenza operazzjonali, filwaqt li toffri lir-reġistraturi akkreditati tagħha kwalità ta' servizz eċċellenti”.

L-assoċjazzjoni EURid għandha żewġ membri fundaturi, id-DNS Belgium (ir-reġistru .be) u l-Istituto di informatica e Telematica (ir-reġistru .it), disa' membri oħra u Bord Strateġiku magħmul minn 13-il rappreżentant. L-organizzazzjoni hija mmexxija minn maniġer ġenerali u tim tal-maniġment ta' tmien persuni. Fi tmiem il-perjodu kopert, l-EURid kellha 56 impjegat full-time, jaħdmu f'seba' dipartimenti fl-erba' uffiċċji reġjonali tagħha. Il-maġġoranza tal-impjegati jaħdmu fit-tim tar-relazzjonijiet esterni u fid-dipartiment tekniku.

4.1. Konformità finanzjarja u kuntrattwali

Bħala organizzazzjoni esterna, l-EURid tiġġestixxi d-dominju .eu b'mod awtonomu. Minkejja dan, il-Kummissjoni teżamina mill-qrib is-sitwazzjoni finanzjarja u l-konformità kuntrattwali tal-EURid skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas regolatorju .eu u l-Kuntratt ta' Konċessjoni ta' Servizz. Il-Kummissjoni teżerċita r-rwol superviżorju tagħha billi tirrieżamina l-kontijiet awditjati ta' kull sena, ir-rapporti finanzjarji ta' kull sitt xhur u dawk annwali, il-proposti tal-baġit, u l-istrateġija u l-pjanijiet operazzjonali tar-Reġistru .eu. Il-kwistjonijiet finanzjarji jiġu diskussi fil-laqgħat ta' nofs is-sena u fil-laqgħat *ad hoc*.

Fil-perjodu kopert minn dan ir-rapport, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-EURid kienet komparabbli mas-sentejn ta' qabel, b'madwar EUR 13-il miljun fi dħul u EUR 11-il miljun fi spejjeż kull sena. Wara l-approvazzjoni tal-kontijiet u tar-riżervi, il-bilanċ pożittiv ittrasferit lill-Unjoni Ewropea taħt it-termini tal-Kuntratt ta' Konċessjoni ta' Servizz kien ta' EUR 2 863 036 u EUR 1 347 883 għas-snin kontabilistiċi 2017 u 2018 rispettivament.

Fi tmiem l-2018, l-EURid żammet riżervi finanzjarji għad-deprezzament (EUR 0,5 miljun), għall-investimenti (EUR 0,6 miljun), għall-obbligazzjonijiet soċjali (EUR 2,4 miljun), għall-obbligazzjonijiet legali (EUR 1,2 miljun), għall-kapital operatorju (EUR 0,2 miljun), u żiedet riżerva ġdida għal meta jintemmu l-kuntratti (EUR 0,9 miljun).

Fl-2018, il-Kummissjoni wettqet awditu dwar diversi aspetti amministrattivi u finanzjarji tal-ġestjoni tar-Reġistru .eu. L-awditu wassal għal sensiela ta' rakkomandazzjonijiet li ġew implimentati fl-2019 skont pjan ta' azzjoni maqbul bejn il-Kummissjoni u l-EURid. Dawn b'mod partikolari jkopru r-rieżami tal-politika tal-akkwist tal-EURid; ir-rieżami tal-politika tal-kunflitt ta' interess tal-EURid; kjarifika tar-regoli u l-approċċ dwar il-bini ta' riżervi; l-iżvilupp ta' approċċ konsistenti fil-kuntrattar ta' konsulenti esterni; rieżami tal-effiċjenza u tal-effettività tal-uffiċċji reġjonali; evalwazzjoni tal-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, u l-organizzazzjoni ta' awditu ta' konformità kuntrattwali annwali.

5. ID-DOMINJU .EU

5.1. Xejriet ġenerali

Bi 3,7 miljun isem tad-dominju .eu rreġistrati sa tmiem l-ewwel trimestru tal-2019, id-dominju .eu huwa l-ħdax l-akbar TLD u jibqa' s-seba' l-akbar ccTLD fid-dinja kollha⁷. Il-volum ta' reġistrazzjonijiet huwa ta' madwar 1 % tas-suq tal-ismijiet tad-dominju globali, li jinkludi aktar minn 350 miljun isem tad-dominju mqassmin fost 1 486 TLD.

Filwaqt li l-2017 intemm bi tkabbir annwali ta' 1,5 %, l-2018 ra tkabbir negattiv ta' 3,4 %. Żewġ żviluppi atipiċi – meta mqabbla ma' ccTLDs oħra – huma responsabbli għat-tkabbir negattiv: il-ħruġ intenzjonat tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (spjegat fit-taqsimha “L-impatt tal-ħruġ intenzjonat tar-Renju Unit mill-UE”), u s-sospensjoni ta' madwar 58 000 isem tad-dominju matul l-2018 bħala riżultat ta' kontrolli tal-eliġibbiltà aktar stretti.

B'mod ġenerali, il-prestazzjoni tad-dominju .eu hija konformi mal-prestazzjoni ta' ccTLDs oħra, sfidati kollettivament minn rati baxxi ta' tkabbir fis-suq tal-ismijiet tad-dominju matul il-perjodu ta' żmien ta' sentejn ta' dan ir-rapport. Hemm għadd ta' raġunijiet wara dawn ir-rati ta' tkabbir baxxi. It-tendenzi deskritti fir-rapport preċedenti għadhom hemm, bħall-maturità tas-swieq nazzjonali ewlenin u ż-żieda fil-kompetizzjoni minħabba l-introduzzjoni ta' gTLDs ġodda (TLDs ġeneriċi). Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, is-sostituti żiedu s-sehem mis-suq ukoll, bħall-kontijiet tal-midja soċjali għall-individwi u għan-negozji, u l-applikazzjonijiet (apps) għas-suq mobbli, b'mod partikolari fis-swieq emerġenti^{8,9}.

Skont il-pajjiż tar-reġistrazzjoni, il-Ġermanja, in-Netherlands, Franza, il-Polonja u l-Italja kienu s-swieq ewlenin tad-dominju .eu fi tmiem l-ewwel trimestru tal-2019. Fil-perjodu kopert f'dan ir-rapport ir-Renju Unit nizeł mir-raba' għas-sitt pożizzjoni, filwaqt li s-sehem tar-reġistrazzjonijiet .eu tal-Portugall kważi rdoppja, li juri li l-ismijiet tad-dominju xorta jistgħu jgawdu minn tkabbir b'żewġ ċifri.

5.2. Il-marka .eu

F'dawn l-aħħar snin, is-suq tal-ismijiet tad-dominju u, b'mod partikolari, it-TLDs stabbiliti sew, kellhom jiffaċċjaw żieda sinifikanti fil-kompetizzjoni, minħabba l-introduzzjoni ta' gTLDs ġodda bħal *.hotel* jew *.shop*. Il-kompetizzjoni ħraxet u ħafna reġistri ġodda qed joffru prezzijiet baxxi ħafna, billi jadottaw kummerċjalizzazzjoni aggressiva immirata lejn ir-reġistraturi u r-rivendituri.

Ir-reazzjoni tal-EURid kienet li tiffoka fuq il-kwalità u s-sigurtà aktar milli fuq il-prezz, u li tkompli tippromwovi .eu bħala marka affidabbli b'kopertura Ewropea. Din l-istrateġija kellha suċċess: ir-rata ta' tiġdid tal-ismijiet tad-dominju .eu

⁷ CENTRstats Global TLD report Q1 2019, edizzjoni 27, <https://www.centri.org/statistics-centri/quarterly-reports.html>.

⁸ EURid *et al*, Middle East and Adjoining Countries DNS Marketplace Study, ICANN 2016 <https://www.icann.org/news/announcement-2016-02-26-en>.

⁹Oxford Information Labs *et al*, Latin American and Caribbean DNS Marketplace Study, 2017 <https://www.icann.org/public-comments/lac-dns-marketplace-2016-09-22-en>.

(ġeneralment indikatur għall-fiduċja u l-lealtà tal-konsumatur) baqgħet għolja u fil-perjodu ta' dan ir-rapport żdiedet minn 78,6 % għal 80 %.

5.3. Kummerċjalizzazzjoni u komunikazzjoni

F'konformità mal-għan strateġiku tagħha li tiffoka fuq il-kwalità u s-sigurtà aktar milli fuq il-prezz, l-EURid wettqet l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u komunikazzjoni li ġejjin:

- Il-pubblikazzjoni ta' *trust.eurid.eu*, paġna ewlenija ġdida fuq is-sit web tal-EURid, biex tenfasizza l-isem tad-dominju .eu bħala marka li timplika l-fiduċja u s-sigurtà, miksuba permezz ta' miżuri li jiżguraw livell għoli ta' ċibersigurtà u li jnaqqsu b'mod attiv ir-riskji tal-abbuż tal-ismijiet tad-dominju.
- L-organizzazzjoni ta' żewġ kampanji ta' sensibilizzazzjoni online ta' suċċess fl-2018. Il-pajjiżi fejn saru l-kampanji (fosthom il-Polonja, il-Ġermanja, Franza u Spanja), intgħażlu abbażi tar-rata tat-tkabbir ta' .eu tagħhom u l-appoġġ tar-reġistraturi li jmexxu l-kampanji ta' promozzjoni ta' .eu.
- Is-sħubija mar-reġistraturi akkreditati ta' .eu ssaħħet permezz tal-Programm ta' Kummerċjalizzazzjoni Kofinanzjat tal-EURid, li permezz tiegħu r-reġistraturi jistgħu jirċievu rimborż sa 100 % tal-ispiża eliġibbli tal-azzjonijiet promozzjonali għall-ismijiet tad-dominju .eu. Fl-2017 u l-2018, il-Programm ikkofinanzja aktar minn 120 kampanja.
- Ir-reġistraturi komplew jużaw l-Iskema ta' Tnaqqis tal-EURid, li biha jgawdu tnaqqis fuq tariffi ġodda għar-reġistrazzjoni. Ir-reġistraturi japprezzaw l-istabbiltà tal-Iskema, li tippermettilhom jippromwovu d-dominju .eu fuq bażi regolari matul is-sena. Għal din l-iskema rreġistraw 327 reġistratur, li jammontaw għal 93,3 % tal-portafoll totali ta' .eu u 97 % tal-ismijiet ġodda kollha tad-dominju fl-2019.
- Sabiex tiġi rikonoxxuta l-innovazzjoni u l-eċċellenza fost ir-reġistranti tal-ismijiet tad-dominju .eu, il-EURid torganizza Premjijiet Web fuq bażi annwali. Ir-rebbieħa tal-Premjijiet Web jirċievu pakkett ta' premjijiet li jinkludi kampanja ta' billboard ta' tliet xhur fl-ajruport ta' Brussell. Il-parteċipazzjoni fil-Premjijiet laħqet l-akbar numru fl-2018 b'aktar minn 200 nominazzjoni u kważi 10 000 vot.
- L-EURid kompliet tissimplifika l-preżenza tagħha fuq il-midja soċjali, b'mod partikolari permezz tal-kont ta' Twitter u l-kanal ta' YouTube tagħha.

Is-sħab ewlenin għall-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni .eu huma r-reġistraturi, li jagħmlu l-ismijiet tad-dominju .eu disponibbli u jinteraġixxu mar-reġistranti. Fil-perjodu ta' bejn l-2017 u l-2019, l-EURid kompliet bl-isforzi tagħha biex ittejjeb il-kwalità tas-servizz ipprovdut lir-reġistraturi akkreditati u biex tissimplifika l-proċess tar-reġistrazzjoni.

Fi tmiem l-ewwel trimestru tal-2019, id-dominju .eu kellu 715-il reġistratur akkreditat. L-għadd ta' reġistraturi baqa' relattivament stabbli matul l-aħħar snin, minkejja żieda fil-konċentrazzjoni fis-suq.

Skont l-aħħar stħarriġ ta' sodisfazzjon tar-reġistraturi biennali lejn tmiem l-2017, il-klassifikazzjonijiet għall-kwalità tar-relazzjoni mal-EURid kienu 93 % b'mod

globali, konsistenti mal-punteġġ għoli fl-istħarriġ preċedenti. B'mod ġenerali, ir-reġistraturi taw klassifikazzjonijiet għoljin għall-affidabbiltà u sabu li l-ismijiet tad-dominju .eu faċli jinbiegħu u li jirrappreżentaw investment tajjeb¹⁰.

Bħala sinjal ta' apprezzament ċar, l-EURid rebħet il-“Premju għar-Reġistru tas-Sena” tas-CENTR¹¹ fl-2017 u l-2018, abbażi ta' stħarriġ li fih ivvutaw aktar minn 100 reġistratur.

5.4. Il-multilingwiżmu

L-EURid kompliet bl-isforzi tagħha biex tappoġġja d-diversità lingwistika Ewropea u tespandi l-multilingwiżmu fid-dominju .eu. Fi tmiem l-ewwel trimestru tal-2019, kien hemm kważi 39 000 IDN (Ismijiet tad-Dominju Internazzjonalizzati) irregistrati¹², li jqiegħdu d-dominju .eu fost l-akbar għoxrin spazji tal-IDN fid-dinja.

Wara l-introduzzjoni f'Ġunju 2016 tal-estensjoni .eu (l-ekwivalenti ta' .eu b'kitba Ċirillika), inbeda perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin, bl-għan li tiġi infurzata politika ta' “ma hemmx taħlit ta' kitbiet” għall-ismijiet kollha tad-dominju. Din il-politika, li għandha l-mandat tal-ICANN¹³ (il-Korporazzjoni tal-Internet dwar l-Ismijiet u n-Numri Assenjati), tirrikjedi li kemm l-isem tad-dominju kif ukoll l-estensjoni tiegħu jenħtieġ li jinkitbu bl-istess kitba. Fi tmiem l-ewwel trimestru tal-2019, kien hemm madwar 1 900 isem tad-dominju rreġistrati taħt l-estensjoni .eu.

Qabel u matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, l-EURid ħadmet b'mod intensiv biex l-estensjoni .eu (l-ekwivalenti għal .eu bil-kitba Griega) tiġi approvata mill-ICANN. L-applikazzjoni ta' .eu ltaqgħet ma' diffikultajiet fl-istadju ta' evalwazzjoni minħabba li l-istring kienet potenzjalment ta' tfixkil peress li hija simili għal .eu u għall-preżentazzjonijiet b'ittri kapitali ta' strings oħra ta' żewġ ittri. Fi tmiem il-perjodu kopert, kien mistenni li l-istring .eu bil-kitba Griega titnieda fi tmiem l-2019. Dan l-istadju importanti jwassal għat-tlestija b'suċċess tal-isforzi b'appoġġ għall-kitbiet kollha mhux Latini fl-Unjoni Ewropea.

5.5. L-impatt tal-ħruġ intenzjonat tar-Renju Unit mill-UE

Skont ir-Regolament .eu, kif emendat, id-detenturi ta' isem tad-dominju .eu jeħtieġ li jkunu residenti jew ċittadini ta' Stat Membru tal-UE, tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein jew tan-Norveġja, jew impriżi jew organizzazzjonijiet stabbiliti f'dawn il-pajjiżi.

Wara n-notifika mir-Renju Unit fid-29 ta' Marzu 2017 tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni, l-Unjoni nnegożjat u kkonkludiet mar-Renju Unit ftehim li jstipula l-arranġamenti dwar il-ħruġ tiegħu (minn hawn 'il quddiem “il-Ftehim dwar il-ħruġ”) skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE)¹⁴. Il-Ftehim dwar il-ħruġ jipprovdi għal perjodu ta' tranżizzjoni li matulu l-liġi tal-Unjoni tapplika għar-Renju Unit u fih. Għalhekk, matul dan il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-residenti u ċittadini tar-Renju Unit kif ukoll l-impriżi u l-organizzazzjonijiet stabbiliti fir-Renju

¹⁰ <https://eurid.eu/en/news/2017-registrar-satisfaction-survey-findings/>.

¹¹ Il-Kunsill tar-Reġistri Ewropej tad-Dominji tal-Ogħla Livell Nazzjonali, www.centri.org.

¹² L-IDNs huma ismijiet tad-dominju b'karattri mhux Latini.

¹³ <https://www.icann.org>

¹⁴ ĠU C 384 I, 12.11.2019, p.1.

Unit se jibqgħu eliġibbli li jkollhom isem tad-dominju .eu. Dan il-perjodu ta' tranżizzjoni jibda fid-data tal-ħruġ¹⁵ u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, sakemm l-Unjoni u r-Renju Unit ma jaqblux sal-1 ta' Lulju 2020 fuq estensjoni ta' darba sa sena jew sentejn ta' dak il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Mit-tmiem ta' dak il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-liġi tal-Unjoni ma tibqax tapplika għar-Renju Unit u fih. Għalhekk, residenti tar-Renju Unit li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru tal-UE, tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein jew tan-Norveġja u impriżi u organizzazzjonijiet li huma stabbiliti fir-Renju Unit iżda mhux fi Stat Membru tal-UE, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein jew fin-Norveġja, skont id-dritt tal-Unjoni mhux se jibqgħu eliġibbli li jkollhom isem tad-dominju .eu, bl-istess mod bħal residenti, impriżi u organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi oħra. Din il-konsegwenza tapplika mid-data tal-ħruġ fil-każ li l-Ftehim dwar il-ħruġ ma jkunx daħal fis-seħħ.

Bl-avviż dwar "Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-Regoli tal-UE dwar l-Ismijiet tad-Dominju .eu" tat-28 ta' Marzu 2018, aġġornat fit-18 ta' Lulju 2019¹⁶, il-Kummissjoni wissiet lid-detenturi tal-isem tad-dominju .eu li jirrisjedu jew li huma stabbiliti fir-Renju Unit dwar il-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-ħruġ li daħlu fis-seħħ fir-rigward tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-EURid qablu dwar pjan ta' azzjoni biex jimmitigaw l-effetti tax-xenarju possibbli fejn il-Ftehim dwar il-ħruġ ma jidħolx fis-seħħ, u biex jiġġestixxu it-tranżizzjoni għall-istatus tar-Renju Unit bħala pajjiż terz, li jinkludi l-komunikazzjoni mar-reġistraturi u mar-reġistranti u l-miżuri ta' tranżizzjoni għall-ismijiet tad-dominju rreġistrati li jappartjenu għar-residenti tar-Renju Unit¹⁷.

L-impatt tal-ħruġ intenzjonat tar-Renju Unit mill-UE fuq id-dominju .eu beda jinħass fl-2018. Għar-residenti tar-Renju Unit, il-possibbiltà li jitilfu l-eliġibbiltà għar-reġistrazzjoni tal-ismijiet tad-dominju .eu kkawżat il-kanċellazzjoni, in-nuqqas ta' tiġdid u t-tnaqqis f'reġistrazzjonijiet ġodda. Barra minn hekk, uħud mir-reġistraturi bbażati fir-Renju Unit ma baqgħux joffru d-dominju .eu. B'risultat ta' dan, l-għadd ta' reġistrazzjonijiet .eu fir-Renju Unit naqas minn madwar 240 000 għal madwar 190 000 sa tmiem l-ewwel trimestru tal-2019; jiġifieri tnaqqis ta' 24 %.

6. FIDUĊJA U SIGURTÀ

6.1. Ismijiet tad-dominju siguri

Id-DNSSEC¹⁸, estensjoni ta' sigurtà tad-DNS ġiet implimentata u promossa fid-dominju .eu fl-2013. Id-DNSSEC tiżgura li l-utenti jikkomunikaw mas-sit web it-tajjeb, u b'hekk tipprevjeni l-attakki tat-tip "man in the middle" minn siti web foloz.

¹⁵ Id-data tal-ħruġ tkun jew id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, l-1 ta' Frar 2020 – sakemm il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ma jiġix estiż aktar. Ara d-Deċizzjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/1810 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tad-29 ta' Ottubru 2019 li testendi l-perjodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE, ĠU L 278, 30.10.2019, p. 1.

¹⁶ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/eu_domain_names_mt_0.pdf

¹⁷ <https://eurid.eu/mt/register-a-eu-domain/brexit-notice/>.

¹⁸ L-Estensjoni tas-Sigurtà tas-Sistema tal-Ismijiet tad-Dominji.

Sabiex DNSSEC tiffunzjona tajjeb, kemm id-dominju fl-ogħla livell kif ukoll l-ismijiet tad-dominju individwali jeħtieġ li jkollhom firma diġitali (“ikunu ffirmati”). Wara l-iffirmar tal-ogħla livell .eu nnifsu fl-2010, l-EURid bdiet tippromwovi l-iffirmar tad-DNSSEC fost l-ismijiet tad-dominju .eu. Mill-2015, il-EURid offriet skont fuq it-tariffi għal kull isem tad-dominju ffirmat b’mod korrett. Fi tmiem l-ewwel trimestru tal-2019, ġew iffirmati madwar 540 000 isem tad-dominju (15 % tal-ismijiet tad-dominju .eu) b’mod korrett b’DNSSEC. Żieda regolari fl-għadd ta’ ismijiet tad-dominju ffirmati b’DNSSEC matul il-perjodu kopert uriet li dawn il-miżuri ta’ skont immotivaw lir-reġistraturi biex jimplimentaw id-DNSSEC u joffruh lir-reġistranti tagħhom. Filwaqt li .eu jitqies bħala wieħed minn fost l-aqwa reġistri tas-ccTLD f’termini tal-adozzjoni tad-DNSSEC, huwa ċar li jeħtieġ li jsir sforz akbar biex tiżdied ir-reġistrazzjoni tal-ismijiet tad-dominju .eu.

B’mod ġenerali, l-EURid tappoġġja l-komunità tar-reġistraturi tagħha fl-adozzjoni tal-istandards taċ-ċibersigurtà permezz ta’ webinars u laqgħat u aġġornamenti regolari dwar id-DNSSEC u miżuri oħra ta’ sigurtà.

6.2. Il-mitigazzjoni ta’ reġistrazzjonijiet abbużivi

Il-prevenzjoni ta’ reġistrazzjonijiet ta’ ismijiet tad-dominju abbużivi, użati għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur, għall-bejgħ ta’ oġġetti ffalsifikati, għall-phishing, għaċ-ċiberattakki, u għad-distribuzzjoni ta’ malware, għadha prijorità ewlenija għad-dominju .eu. Din tiġi implimentata billi tiġi vverifikata l-validità tad-*data* tar-reġistrazzjoni mal-kriterji ta’ eliġibbiltà ta’ .eu¹⁹ u l-iskrinjar ta’ reġistrazzjonijiet ġodda għal xejriet suspettużi jew anomaliji.

Bħala miżura preventiva, l-EURid twettaq kontrolli ta’ kuljum fuq reġistrazzjonijiet ġodda. Jekk tinstab *data* dubjuża, ir-reġistranti huma mistiedna jaġġornaw jew jikkoreġu l-informazzjoni tagħhom – bir-riskju ta’ sospensjoni tal-isem tad-dominju tagħhom jekk jonqsu milli jagħmlu dan. Fl-2017 u fl-2018 rispettivament, ġew sospiżi 20 126 u 58 966 isem tad-dominju.

Fl-2017, l-Università ta’ Leuven żviluppat sistema għall-EURid li ttipprevedi liema ismijiet tad-dominju .eu jistgħu jintużaw għal skop abbużiv, abbażi tad-*data* storika u algoritmi ta’ awtotagħlim. L-ewwel u qabel kolloxx, din is-sistema, li għadha qed tiġi żviluppata, għandha l-għan li ttiprevjeni l-ismijiet tad-dominju malizzjużi milli jsiru attivi.

6.3. Il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità

L-EURid kompliet tippovdi assistenza regolari lill-infurzar tal-liġi u lil awtoritajiet rilevanti oħra kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f’dak Ewropew, biex tgħinjom fil-ġlieda kontra l-attivitajiet illegali assoċjati mal-ismijiet tad-dominju .eu.

Fil-livell nazzjonali, l-EURid ikkollaborat b’mod attiv mal-Ministeru Federali Belġjan tal-Affarijiet Ekonomiċi, mad-Dwana Belġjana (Cybersquad), u mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Belġjan.

¹⁹ Skont ir-Regolament .eu, l-EURid għandha d-dritt li tivverifika l-validità ta’ reġistrazzjoni, u l-politika ta’ reġistrazzjoni tirrikjedi li r-reġistrant iżomm id-*data* personali kompluta u preċiża, u l-indirizz elettroniku jiffunzjona għall-komunikazzjoni mal-EURid.

Fil-livell Ewropew, l-EURid kompliet tinvolvi ruħha fi djalogu regolari mal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-UE (CERT-EU) u kompliet tespandi l-kooperazzjoni mal-EUROPOL permezz tal-iskambju ta' *data* u xejriet statistiċi, it-tmexxija ta' proġetti konġunti mmirati lejn il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità²⁰ u l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma kongunti²¹. F'Ġunju 2018, l-EURid u l-Koalizzjoni Internazzjonali kontra l-Falsifikazzjoni ffirmaw Memorandum ta' Qbil biex jinvolvu ruħhom fi sforzi konġunti biex jiġġieldu ċ-ċiberkriminalità fid-dominju .eu. L-EURid kompliet ukoll il-kooperazzjoni tagħha mal-EUIPO (l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea) biex tinnofika lid-detenturi tat-trademarks meta isem ta' dominju .eu jiġi rreġistrat u jkun identiku għal marka rreġistrata tal-UE.

6.4. Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim

F'Ġunju 2017, l-EURid żiedet l-għażliet għall-bidu ta' Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR), billi ffirmat ftehim mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettuali (WIPO) biex issir fornitur ġdid tal-ADR .eu flimkien mal-fornitur eżistenti, il-Qorti ta' Arbitraġġ ibbażata fi Praga (il-Qorti ta' Arbitraġġ Ċeka). Karatteristika tal-ADR .eu hija l-possibbiltà li wieħed iressaq ilment online bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE. Matul il-perjodu ta' dan ir-rapport, ġew imressqa 127 ilment u ġew solvuti 130 tilwima.

6.5. L-istabbiltà, is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju

L-EURid żammet infrastruttura teknika reżistenti u robusta ħafna biex tiżgura li, f'kull ħin, l-ispace tal-isem .eu jkun viżibbli u li jaħdem tajjeb għall-utenti kollha tal-internet. Dan irriżulta f'aċċess mingħajr interruzzjoni għall-ismijiet tad-dominju .eu għall-utenti li jaqdbu ma' dawn l-ismijiet tad-dominju matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport (żmien attiv ta' 100 %). Żewġ servers tal-ismijiet tad-dominju²² f'Amsterdam u fil-Lussemburgu jiffurmaw il-qalba tal-infrastruttura teknika tal-EURid, ikkomplementati minn taħlita ta' servers awtoġestiti (Amsterdam, Ljubljana, Londra, u Praga) u fornituri ta' anycast estern bħal DENIC, NetNod u Dyn/Oracle, li jipprovdu servers tal-ismijiet madwar id-dinja biex isostnu l-fajl taż-żona .eu.

L-istabbiliment u ż-żamma ta' standard għoli għas-sigurtà tal-informazzjoni u tan-netwerk tagħha baqgħu element importanti fil-politika tal-EURid biex tkompli tipprovdi servizzi siguri u ta' kwalità għolja lir-reġistraturi akkreditati ta' .eu u lill-pubbliku. Fl-2017, l-EURid kisbet ċertifikazzjoni ISO²³ 22301 għall-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tagħha u fl-2019 ġiet iċċertifikata mill-ġdid għall-istandard dwar is-sigurtà tal-informazzjoni ISO/IEC 27001. Barra minn hekk, fl-2018 l-EURid evalwat u adattat il-Politika ta' Divulgazzjoni Responsabbli tagħha u kompliet il-kollaborazzjoni tagħha ma' kumpanija esterna biex tivvaluta u ttejjeb is-sigurtà ċibernetika u tnaqqas it-theddid.

²⁰ <https://www.europol.europa.eu/newsroom/news/europol-enhances-cybercrime-and-internet-security-cooperation-signing-mou-eurid>.

²¹ <https://www.europol.europa.eu/events/eurid-europol-cross-border-collaboration-in-fighting-cybercrime-workshop>.

²² Is-servers tal-ismijiet huma elementi fundamentali tad-DNS, li jippermettu l-konsultazzjoni tal-ismijiet tad-dominju billi jipprovdu l-indirizzi u l-lokalizzazzjoni tal-IP tagħhom.

²³ L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandards

L-EURid kienet pijuniera fil-kontinwità tan-negozju fost ir-reġistri tas-ccTLD. L-EURid żammet il-valutazzjoni tar-riskju tagħha aġġornata kull sena u evalwat mill-ġdid ix-xenarji ta' kontinwità tagħha b'mod regolari. Fl-2018, l-EURid wettqet żewġ eżerċizzji ta' Kontinwità tan-Negozju li jissimulaw diżastri maġġuri, ivvalutati u evalwati b'mod pożittiv minn evalwatur indipendenti. Barra minn hekk, twettqu seba' Testijiet għad-Diżastri u l-Irkupru u r-Ridondanza, u dawn urew kemm l-infrastruttura teknika tal-EURid hija b'saħħitha.

7. RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Matul il-perjodu tar-rapportar, l-EURid kompliet tinvolvi ruħha fl-ekosistema tal-internet, b'mod partikolari permezz tal-azzjonijiet u tal-attivitajiet li ġejjin:

- il-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-ICANN permezz ta' diversi kumitati u gruppi ta' ħidma inkluż il-kontribut għall-isforzi tal-bini tal-kapaċità fost reġistri ta' ccTLD iżgħar fl-ippjanar tal-kontinwità tan-negozji u l-irkupru minn diżastri;
- il-koperazzjoni mal-UNESCO, Verisign u l-organizzazzjonijiet tar-reġistri reġjonali għar-Rapport Dinji annwali tal-IDN²⁴, u l-appoġġ għas-Sena Internazzjonali tal-Lingwi Indiġeni tal-UNESCO 2019;
- il-kontinwazzjoni tal-Akkademja .eu²⁵ li permezz tagħha r-rappreżentanti ta' reġistri oħra rċevew taħriġ dwar diversi materji dwar reġistri;
- l-appoġġ lis-sessjonijiet tal-EuroDIG (Id-Djalogu Ewropew dwar il-Governanza tal-Internet) u lill-Iskola tal-Balkani dwar l-IG (Governanza tal-Internet);
- il-parteċipazzjoni fil-Forum tal-2017 dwar il-Governanza tal-Internet (IGF)²⁶ b'sessjoni ta' ħidma dwar l-impatt ambjentali tal-ICT.

8. L-IMPATT AMBJENTALI

Sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-attivitajiet tagħha, fl-2012 l-EURid saret l-ewwel reġistru ċċertifikat tal-EMAS²⁷ fl-Ewropa, li fl-2018 temm ċertifikazzjoni mill-ġdid għall-kwartieri ġenerali tiegħu fil-Belġju u l-fergħat tiegħu fl-Italja u fir-Repubblika Ċeka. L-EURid kompliet tivvalida l-emissjonijiet ta' CO₂ tagħha, billi tixtri krediti ta' CO₂ iċċertifikati għall-kumpens, u appoġġjat il-Uganda Borehole Project²⁸. Fl-2019, l-EURid sponsorjat sforzi ta' rifořestazzjoni f'Monchique, il-Portugall²⁹, żona milquta minn nirien devastanti fis-sajf tal-2018.

²⁴ www.idnworldreport.eu.

²⁵ <https://eurid.eu/mt/dwarna/inizjattivi/>.

²⁶ www.intgovforum.org.

²⁷ Skema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali tal-UE, numru tar-reġistrazzjoni BE-VL-000016, <https://eurid.eu/mt/dwarna/arsu-l-ambjent/>.

²⁸ https://www.carbonfootprint.com/gs_ver_uganda_borehole.html
<https://eurid.eu/en/news/eurid-supports-uganda-borehole-rehabilitation-project/>

²⁹ <https://www.youtube.com/watch?v=yh-rJOL1HYE>.

9. KONKLUŻJONI

Id-dominju .eu għadu jiffunzjona b'mod effettiv, billi jiffaċilita l-aċċess għas-Suq Uniku Diġitali, jippermetti lill-Ewropej li juru l-identità Ewropea tagħhom online, u jappoġġja l-multilingwiżmu.

L-attenzjoni akbar fuq il-kwalità tas-servizz u s-sigurtà għenet lid-dominju .eu jżomm il-pożizzjoni tiegħu fis-suq matul il-perjodu kkunsidrat fir-rapport. Huwa kkontribwixxa wkoll direttament għall-oġġettivi tal-UE li żżid il-fiduċja u s-sigurtà fuq l-internet u fis-Suq Uniku Diġitali.

L-.eu jista' jsir mudell għal ismijiet tad-dominju oħrajn f'termini ta' bini ta' spazju tal-ismijiet tad-dominju affidabbli u sigur. Dan jirrikjedi sforzi sostnuti biex tiġi żgurata l-adozzjoni wiesgħa ta' miżuri ta' sigurtà bħad-DNSSEC, biex jiġu indirizzati r-reġistrazzjonijiet abbużivi u biex jiġi żgurat li l-imġieba illegali u l-abbuż, li huma evidenti f'partijiet oħra tal-ekosistema DNS, ma jkunux predominanti fir-rigward tal-ismijiet tad-dominju .eu. Is-sitwazzjoni finanzjarja soda ta' .eu tippermetti ż-żamma ta' dawn l-isforzi.

Abbażi tal-bażi soda tal-konsumaturi tiegħu, ir-relazzjonijiet b'saħħithom tiegħu mar-reġistraturi u l-azzjonijiet fil-mira lejn swieq ġeografiċi li mhumiex moqdiya biżżejjed u ċ-ċittadini tal-UE li jgħixu barra mill-pajjiż, id-dominju .eu għandu l-potenzjal li jsaħħaħ aktar il-pożizzjoni tiegħu bħala d-dominju tal-għażla taċ-ċittadini u tan-negozji tal-UE.